MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 427/2011

**ab**
**vs**
**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti izzewgu fit-tminax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) (Dok. A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal S ta' hmistax-il sena u N ta' tnax-il sena.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-13 ta' Gunju, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia (Dok. B).

3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati de facto u legalment u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtrieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Dicembru 1992;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u /jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-12 ta' Dicembru 2011;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi huwa ipprova li l-partijiet ilhom separati mit-13 ta' Gunju 2005;

Illi gie ippruvat wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ir-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni lill-intimata u lil uliedu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------